MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2012

Numru. 826/2003

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**

**KONTRA**

**KARL (CARMEL) AZZOPARDI ta' 42 sena, iben Emmanuel u Emma nee' Mifsud, imwieled tal-Pieta' nhar it-18.11.1969, residenti fil-fond numru 164, Triq l-Ghaqda, Mellieha, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 90770M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **KARL (CARMEL) AZZOPARDI** li gie akkuzat talli:

1. Nhar il-21 ta' Marzu, 2002 gewwa l-Belt Valletta, bil-hsieb li jaghmel hsara lil PC 3 Kevin Grima, akkuza lil PC

3 Kevin Grima quddiem awtorita' kompetenti b'reat, fil-waqt li kien jaf li PC 3 Kevin Grima kien innocenti u dan bi ksur tal-Artikolu 101(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli nhar id-9 ta' Mejju, 2003, fi proceduri kriminali mehuda kontra tieghu, ipproduca dokument falz u dan bi ksur tal-Artikolu 103 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), u cioe' f'Awla 12 preseduta mill-Magistrat Dr Saviour Demicoli LL.D., halef falz u dan bi ksur tal-Artikolu 108(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu, f'dokument mahsub ghal awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz u dan bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-provi migjuba f'din il-kawza jirrizulta li PC 3 Kevin Grima kien qassam riferta lill-imputat, pero ta lil martu, biex l-istess imputat jidher ghas-seduta tal-V.A.T. Bi zball - dan mil-ewwel ammess mill-Kuntistabbli, dan nizzel fuq ir-riferta li kien taha lill-akkuzat stess.

Minn naha tieghu l-imputat fis-seduta tal-V.A.T. xehed gustament illi hu qatt ma kien gie moghti ebda riferta. Pero, rinfaccat issa bl-ispjegazzjoni ta' PC 3, l-imputat bil-gurament tieghu xehed li fi zmien, cioe' fid-data, li PC 3 kien qieghed jghid illi halla r-riferta ma' martu Audrey, hu u martu kienu msefrin. Anzi, kontrarjament ghal dak illi qal bil-gurament PC 3 - li hu kien kellem lil mart l-imputat li anke qabbditu bit-telephone ikellem lil zewgha, Karl Azzopardi xehed illi minn dan kollu ma kien jiftakar xejn. Mhux talli hekk, anzi jghid illi hu u martu kienu fil-31 ta' Awwissu, 2001 - id-data tat-tqassim tar-riferta, gewwa l-Amerka. Ta' dan ipprezenta dokument immarkat bhala Dok KA1. Dan id-dokument gie redatt minn Manolita

Chircop (Cutajar) li xehdet illi d-dati mnizzla fuq l-istess ittra kienu dawk moghtija lilha mill-istess imputat. Ikkonfermat illi in vista' tal-fatt illi l-kumpanija li taghha l-imputat kien direttur kienet wahda ta' l-ivvjaggar, l-imputat kien ghalhekk isiefer hafna. Xehdet ukoll illi ghalkemm kitbet dawk id-dati hi ma kellhiex xjenza proprja tal-kontenut ta' l-istess.

Gew ezebiti wkoll il-verbali tas-seduta tal-V.A.T. li wasslu b'digriet tal-Qorti li tippresedi l-istess seduta ghal dawn il-proceduri – vide folio 29 – 30 seduta 09.05.2002; folio 31 – 32 seduta 03.10.2002; seduta 17.06.2006 folio 33 – 34.

Giet ezebita wkoll l-istqarrija tal-istess imputat Dok KA folio 25 – 26. Fiha qal illi kif kien qal fis-seduta tal-V.A.T hu kien iddikkjara li qatt ma kien gie notifikat personalment bic-citazzjoni in kwistjoni. Qal illi ma kienx jaf illi PC 3 kien halla c-citazzjoni god-dar tieghu. Ma ftakar xejn dwar il-fatt illi anke kien kellem bit-telephone lil PC 3. Dwar id-dokument tas-safar, wiegeb illi ma kellu ebda ntenzjoni li jakkuza b'xhieda falza lil PC 3, semplicement huwa zbalja d-dati.

Xehed ukoll viva voce l-istess Karl Azzopardi u qal li fis-sena 2001 bhala organizzatur ta' tours mas-socjeta' tieghu Golden Travel, huwa kien qieghed isiefer ta' spiss lejn l-Amerka. Siefer hames jew sitt darbiet ghal tul ta' zmien, darbtejn minnhom anke ghal tliet gimghat. Xehed illi hu kien minghalih li fid-dati li xehed fihom li ma rceviex ic-citazzjoni, minghalih li kien imsiefer. Qal ukoll illi kien induna li kien zbalja b'dan kollu, u ammetta li kien zbalja minn naha tieghu ghax minghalih kien imsiefer.

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta ghalhekk illi ghalkemm verament l-imputat kien innega n-notifika tac-citazzjoni, b'insistenza taht gurament li kien imsiefer fis-seduta tat-03.10.2002, huwa kien wara d-debita verifiki xehed illi fil-fatt kien telaq minn Malta ghal Amerka fil-05 ta' Settembru.

Ghalhekk, fil-fatt Azzopardi kien ikkorega l-ewwel verzjoni tieghu fejn kien allura giddeb lil PC 3. Detto cio’, din il-Qorti thoss illi huwa, nonostante azzjonietu fil-bidu tal-proceduri, tqis illi darba li rritratta u kkorega l-posizzjoni tieghu, m’ghandux jinstab hati ta’ l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, u ghalhekk qieghda tilliberah mill-istess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------